# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali

*Magistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Yanika Agius**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet migjuba fil-konfront ta` Yanika Agius, bint Emmanuel u Roberta nee Agius, imwielda fit-23 t' Ottubru 1992 u residenti San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita` numru 497492M fejn giet mixlija talli f'Settembru 2015 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, f'Tafal Ceramics, fi Triq Santu Wistin, San Giljan, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi żmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'riżoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' flus kwalifikat bil-valur li kien iżjed minn  elfejn tliet mija disa u ghoxrin euro sebgha u tletin centeżmu (€2329.37), kwalifikat ukoll bil-persuna, ghad-dannu ta' Joseph Mizzi;

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tal-31 ta' Mejju 2016 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament tieghu;

Rat li wara li tat lill-imputata t-twissija ai termini tal-Artikolu 392(2) tal-Kodi?i Kriminali, il-Qorti ghaddiet biex taghmel l-eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali u matul il-kors ta' dan l-eżami tal-imputata l-imputata stqarret li hija kienet hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha skont kif specifikat aktar 'il fuq.

Wara li rat l-Artikoli 392A(1) u 453(1) tal-Kodi?i Kriminali il-Qorti spjegat lill-imputata bl-aktar mod solenni il-konsegwenzi li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' htija, inkluż li f'dan il-każ il-Qorti kienet ser issibha hatja u li kienet tista' timponi piena li setghet anke tkun wahda ta' natura karcerarja, il-Qorti tatha żmien biżżejjed sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni registrata minnha. Wara li regghet staqsiet lill-imputata x'ghandha xi tghid dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, fil-preżenza tal-konsulenti legali taghha, u wara li regghet ikkonferiet maghha, hija rega' tenniet li kienet hatja.

Il-Qorti hadet nota bil-miktub ta' din id-deciżjoni tal-imputata fl-atti tal-kawża.

Rat ukoll l-ordni taghha sabiex id-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole jipprepara relazzjoni fl-isfond tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Lulju 2016 Donalise Livori mill-Ufficju tad-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole ippreżentat rapport verbali taghha fejn ikkonkludiet li l-imputata hija kandidata idoneja sabiex taghmel servizz fil-komunita'.

Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet u hadet konjizzjoni tal-argumenti tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi
(a)f'dan il-każ l-imputata ikkoperat bi shih mal-Pulizija;
(b)u li l-fedina penali taghha kienet netta;

Il-Qorti semghet ukoll l-argumenti tad-difiża fis-sens illi :
(a)fic-cirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata rregistrat ammissjoni mill-ewwel, fl-aktar stadju bikri tal-proceduri penali;
(b)li l-imputata ghandha tinghata cans ahhari sabiex tipprova tqum fuq saqajha stante li kienet qeghdha thallas il-bilanc rimanenti bil-mod u bi qbil mal-vitma tal-każ;
(c)ghandha fedina netta u kkoperat pjenament mal-Pulizija;

***Ikkunsidrat : -***

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba kontriha kif specifikat aktar 'il fuq, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lil imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Il-Qorti tifhem li jista' jkun veru li dan il-każ tnissel minn mument hażin li hakem lill-imputata.  Biss mill-banda l-ohra ghandha l-fedina penali taghha

hija netta.  Il-Qorti qieset ukoll ir-relazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Donalise Livori.

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata ghandha tpatti ghal eghmilha mhux biss billi trodd lura lill-parte civile l-flejjes kollha li ttiehdulha;  iżda trid trodd ukoll lis-socjeta' li hija offendiet bir-reati taghha billi, inter alia tirrendi ruhha socjalment utli u taghmel ghadd ta' sieghat ta' xoghol lil min hu fil-bżonn minghajr ma tithallas tieghu; u fl-istess hin ma tkunx ta' aktar piż fuq is-socjeta.

Il-gravita ta' dak li wetqet timmerita wkoll sentenza ta' prigunerija u dan ghaliex l-ammont misruq kien wiehed gholi; iżda fic-cirkostanzi tal-każ, il-Qorti tqis li hemm lok li tali prigunerija tigi imposta fil-forma sospiża taghha. Dan jghin mhux biss lis-socjeta vittimizzata biex tassigura li l-hatja tkompli tahdem ghal-beneficcju taghha iżda wkoll biex l-istess hatja tkompli tmur tahdem u b'hekk ikollha minnfejn thallas lill-vitma tal-bilanc kollu tal-flus mehuda minnha kontra l-Ligi.

# *DECIDE*

il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1) u 532A tal-Kodici Kriminali qeghda ssib lil Yanika AGIUS, fuq l-ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Kwantu ghall-piena fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet

ammessi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodici Kriminali qeghdha tikkundanna lill-hatja ghall-piena ta' sentejn prigunerija iżda tordna li din is-sentenza in kwantu ghal piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum l-imputata tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-hatja r-responsabbilita taghha mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali fil-każ li hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodici Kriminali qeghda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta taghmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "ordni ta' superviżjoni") li permezz taghha tqieghed lill-hatja taht is-superviżjoni t'ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta' sena millum.

Il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li taghmel reat iehor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza moghtija lilha illum nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal Sorveljanti biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

L-Ufficjal Sorveljanti assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-gatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodici Kriminali, b'żieda mal-ordni ta' supervizzjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hatja taht ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li taghmel xoghol bla hlas ghal hamsin (50) siegha f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-ohra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li taghmel reat iehor hija, tista tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Ufficjal Sorveljanti assenjat lill-hatja kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A tal-Kodici Kriminali l-Qorti qeghda tordna lil hatja sabiex thallas lil Joseph Mizzi s-somma ta' sitt elef u mitejn euro (E6,200) rappreżentanti bilanc tal-ammonti ta' flus misruqa mill-hatja. Dan l-ordni qieghed isir minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ammont aktar verjuri talvolta dovut mill-hatja lill-parte civile u li jista' jigi determinat mis-sede civili kompetenti jekk ikun il-każ.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proveduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiż-żmien moghti mil-Ligi.

***Moghtija illum 30 ta' Novembru 2016 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 28C TAL-KODICI KRIMINALI)*

**Magistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 30 ta' Novembru 2016**

**PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Yanika AGIUS**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Yanika AGIUS giet misjuba hatja kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir

dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-hatja giet mpoggija taht Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess hatja wriet li trid thares il-htigiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li l-hatja Yanika Agius, bint Emmanuel u Roberta nee Agius, imwielda fit-23 t' Ottubru 1992 u residenti Flat 6, Entratura D, Binja 21 ta' Settembru, Triq il-Qalbiena, San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita` numru 497492M tkun ghal perjodu ta' sena millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Supervizjoni taht dawn il-kundizzjonijiet:

1.Li matul dan il-perjodu, il-hatja ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-hatja tiehu l-*counselling* li jista' jkun mehtieg minn żmien ghal żmien sabiex tevita, fost affarijiet ohra li terga tikkommetti reati fil-gejjieni.

1.Li l-hatja tibqa' f'kuntatt mal-ufficjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li tista' minn żmien ghal żmien tinghata mill-imsemmi ufficjal, u li tavża lill-imsemmi ufficjal b'kull tibdil fl-indirizz taghha;

1.Li tircievi viżiti mill-ufficjal sorveljanti gewwa r-residenza taghha jew f'kull post iehor li tiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess ufficjal sorveljanti;

1.L-ufficjal sorveljanti ghandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imgieba tal-hatja.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Ufficjal Sorveljanti.

……………………………………

Yanika AGIUS

……………………………………..

*Doris Serpina*

**D./Registratur**

***Moghti illum 30 ta' Novembru 2016 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat***

***Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'**

(MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

**Magistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum:** ***30 ta' Novembru 2016***

**PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Yanika Agius**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' Billi b'sentenza moghtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Yanika Agius giet misjuba hatja kif imfisser fl-istess sentenza u giet mpoggija taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'

Malta.

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-sehh tkun tista' tigi kkundannata ghar-reat li ghalih qeghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja wriet li trid thares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Ghalhekk, tordna li l-hatja Yanika Agius, bint Emmanuel u Roberta nee Agius, imwielda fit-23 t' Ottubru 1992 u residenti Flat 6, Entratura D, Binja 21 ta' Settembru, Triq il-Qalbiena, San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita` numru 497492M, taghti hamsin siegha xoghol/servizz fil-komunita' li jigi assenjat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xoghol/servizz ghandu jsir taht is-sorveljanza ta' Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' taht dawn il-kundizzjonijiet:

1.Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficjal ghas-Servizz fil-Komunita', tirraporta lil u żżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-ufficjal ghas-Servizz fil-Komunita' mahtur lilha u twettaq l-istruzzjonijiet kollha moghtija lilha skont il-htiega tal-każ u s-sitwazzjoni.

1.Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-hatja ghandha tirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien ghal żmien skont l-istruzzjonijiet moghtija

lilha mill-Ufficjal ghas-servizz fil-Komunita';

1.Li twettaq b'mod soddisfacenti dawk is-sieghat kollha ta' xoghol siewi fil-Komunita f'dawk il-hinijiet u ghal tul ta' dak iż-żmien kif specifikat aktar 'il fuq;

1.L-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt xhur;

1.Il-hatja ghandha tavża immedjatament lill-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita';

1.Li ghandha żżomm ruhha f'kuntatt mal-ufficjal ghas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li taghtiha minn żmien ghall-iehor l-istess Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, tircievi żjarat tal-istess Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita';

**1.**Il-hatja ghandha tiffirma l-formola ta' ftehim ta' xoghol ta' servizz fil-komunita';

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services u Parole,* lill-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tal-ordni tas-servizz fil-komunita' ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta' Malta.

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jigux segwiti, issir denunzja, mill-Uffivvjal ghas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti.***

---

**Yanika AGIUS**

---

*Doris Serpina,* **Deputat Registratur**

***Moggti illum 30 ta' Novembru 2016 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat***

***Aaron M. Bugeja***